

Brussell, 21 ta' Meju 2021  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0206(COD)

---

8859/21  
ADD 1

CODEC 713  
SOC 283  
SAN 301  
CADREFIN 249  
COH 3

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 <b>(l-ewwel qari)</b> - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet

---

**Dikjarazzjoni mill-Bulgarija**

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tifhem li r-rappurtar dwar l-indikaturi komuni fl-Annessi I u II għar-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus u fl-Anness III għar-Regolament dwar il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta permezz tal-użu tal-kategorija "persuna mhux binarja", bħala mhux obligatorju. Ir-Repubblika tal-Bulgarija ma għandhiex l-intenzjoni li tiġbor data rilevanti u tirrapporta dwarha, peress li din il-kategorija ma teżistix fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħha.

## **Dikjarazzjoni mill-Ungerija**

Il-proċedura lejn l-adozzjoni tar-regolamenti tal-Politika ta' Koeżjoni laħqet pass importanti ieħor. L-Ungerija tqis li jenħtiegħ li ttenni d-dikjarazzjoni preċedenti tagħha dwar ir-rappreżentazzjoni u l-interpretazzjoni tal-ġeneru f'dawn ir-regolamenti.

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. L-Ungerija tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fi ħdan il-qafas tas-sistema legali nazzjonali tagħha f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fil-livell internazzjonali u fi ħdan il-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Għal dawn ir-raġunijiet l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għas-sess, f'konformità mal-Artikolu 8, 10, 19 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-Ungerija hija konvinta li l-kontenut tal-ġeneru mhux adatt biex jiġi definit f'dawn id-dokumenti leġislattivi.

F'konformità ma' dan u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għas-"sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa" fir-Regolamenti. Fir-rigward tal-analiżi tad-data, l-Ungerija temmen li l-ewwel linja tal-Anness I u l-Anness II għar-Regolament FSE+ (kif ukoll in-nota 27 f'qiegħ il-paġna fl-Anness III għar-Regolament dwar il-JTF) jenħtiegħ li tiġi applikata u tirreferi għat-terminu "ġeneru" u l-parentesi fl-intier tagħha u mhux biss waħda mis-subkategoriji elenkati hemmhekk.

B'kont meħud tal-fatt li d-determinazzjoni tal-kontenut tat-terminu "ġeneru" taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, il-premessi, l-artikoli, l-annessi u n-noti f'qiegħ il-paġna rilevanti għandhom jinftiehem bħala li jirreferu għat-terminu ġeneru interpretat f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali.

### **Dikjarazzjoni mill-Polonja**

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fil-livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, f'formulazzjonijiet li jirreferu għall-ġeneru, il-Polonja ser tinterpretah bħala l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE.

## Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

### **Dwar l-investimenti tal-FSE+ fil-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal:**

Fl-2019 kien hemm 18-il miljun tifel u tifla friskju ta' faqar u esklużjoni soċjali fl-UE, b'għadd kbir ħafna f'xi wħud mill-Istati Membri. It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha aggravaw l-inugwaljanzi u l-faqar b'effett aktar qawwi fuqhom. Il-faqar fost it-tfal huwa preżenti b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha u jibqa' oġġla minn dak għall-adulti fl-età tax-xogħol.

Għalhekk, il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim ibbilanċjat li jagħmel lill-FSE+ għodda deċiżiva biex tiġi indirizzata l-isfida tal-faqar fost it-tfal. Il-ftehim jirrikonoxxi l-urġenza li jsir investment fit-tfal fl-Istati Membri kollha.

Il-Kummissjoni dalwaqt ser tippreżenta proposta għal Garanzija għat-Tfal bil-għan li tindirizza l-isfida b'mod strutturali. Meta tipprogramma l-FSE+, il-Kummissjoni ser tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura li l-Istati Membri jiddedikaw finanzjament xieraq għall-FSE+ biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal. Barra minn hekk, hija ser tteġġeg lill-Istati Membri biex jużaw ukoll strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE u riżorsi nazzjonali disponibbli biex jappoġġaw investimenti adegwati f'dan il-qasam.

### **Dwar l-investimenti tal-FSE+ fl-impjieg taż-żgħażaġh:**

Il-Kummissjoni tenfasizza li ż-żgħażaġh intlaqtu b'mod sproporzjonat mill-kriżi soċjoekonomika ta' wara t-tifqigħa tal-COVID-19. Minn Diċembru 2019 sa Diċembru 2020 il-qgħad fost iż-żgħażaġh żdied bi 3 punti perċentwali fl-UE, u b'hekk l-għadd ta' żgħażaġh mingħajr impjieg tela' għal aktar minn 3.1 miljun. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li l-qgħad fost iż-żgħażaġh kien konsistentement u b'mod sinifikanti oġġla minn dak tal-popolazzjoni adulta bl-aħħar ċifri juru differenza ta' aktar minn 10 punti perċentwali (17.8 % meta mqabbel ma' 6.6 % f'Diċembru 2020).

Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim milħuq mill-koleġiżlaturi li jirrikonoxxi l-isfida fl-Istati Membri kollha. L-FSE+ huwa l-aktar strument ta' finanzjament importanti tal-UE biex jimplimenta l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa li ġiet adottata reċentement kif ukoll miżuri rilevanti oħra taħt l-inizjattiva Appoġġ għall-Impjieg taż-Żgħażaġħ.

Meta tipprogramma l-FSE+, il-Kummissjoni ser tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura li l-Istati Membri jiddedikaw finanzjament xieraq għall-FSE+ biex tiġi implimentata l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa. Barra minn hekk, hija ser tteġġeg lill-Istati Membri biex jużaw ukoll strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE u riżorsi nazzjonali disponibbli biex jappoġġaw investimenti adegwati f'dan il-qasam.